KLR 38/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' KLR 36 u KLR 37.

1. **Mill-minuti**

KLR 36

1.1 Dwar it-*tournament* li sar bejn it-tlett klabbs tal-*football* Rabtin fl-okkażjoni ta' Jum il-Belt Victoria 2012, il-membri qablu li billi l-Vicotria Hotspurs F.C. waslu tard u lagħbu logħoba anqas, il-premju tagħhom jonqos b'€100. Dawn ġew fit-tieni post, filwaqt li l-S.K. Victoria Wanderers ġew fl-ewwel post u l-Oratoru Youth F.C. ġew fit-tielet post.

1.2 Dwar il-ħajt li twaqqa fi Triq Ġuże' Labre, il-membri qablu li barra li tiġi nfurmata l-MEPA b'dan, il-Ministeru għal Għawdex għandu wkoll jiġi mgħarraf li dan il-ħajt li kien mibni quddiem għalqa vojta, u twaqqa' meta l-Gvern Ċentrali kien qed jiksi t-triq bit-tarmac għall-ewwel darba. Dawn imur aktar minn sitt sinin ilu.

1.3 Dwar il-proġett ERDF 249 – Setting of an Integral Cultural, Archaeological and Historical Trial in Victoria, is-Sindku u s-Seg. Eekuttiv irċevew korripsondenza fejn turi li wara li dan il-proġett ġie approvat fit-2 ta' Mejju 2012, jistgħu jinbdew il-preparamenti sabiex jinħarġu l-offerti inizjali u sadanittant għandha issir laqgħa fi żmien erba' ġimgħat bejn is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv u l-membri tal-Kumitat tal-Għażla tal-Proġet. Fi żmien tmien ġimngħat jiġi ffirmat il-*Grant Agreement*. Is-Sindku nforma l-preżenti li qed isiru l-preparamenti sabiex jinħarġu l-ewwel offerta tal-*Project Manager* u tat-*Techincal Consultancy.*

1.4 Inġibdet l-attenzjoni rigward il-ħmieġ li qed ikun hawn fi Pjazza Indipendenza nhar ta' Ħadd. Biswit il-*litter bin* li hemm quddiem il-knisja ta' San Ġakbu matul l-iljieli fil-ġranet tal-festa ta' San Ġorġ intefgħu bosta boroż bl-iskart. Il-membri qablu li matul l-iljieli tal-festa ta' Santa Marija jitqabbdu żewġ Gwardjani Lokali sabiex jissorveljaw Pjazza Indipendneza. Il-membri qablu wkoll li tiġi kkunsidrata li Pjazza Indipendenza tkun sorveljata b'CCTV *cameras*. Il-membri ġew mgħarrfa wkoll li reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Pulizija minn naħa tas-Sindku rigward it-tined li qed jitħallew bil-lejl minn xi bejjigħa tal-monti.

## *2. Victoria Playing Field*

Tressaq ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-ewwel offerta tal-*playing field*. Dan jinsab anness f'dokument A. Il-membri unanimament qablu li dan ir-rapport jiġi addottat u l-offeranti jiġu nfurmati bid-deċiżjoni tal-Kunsill. Wara li jingħata ż-żmien stipulat fir-regolamenti għall-appell il-Kunsill għandu jmexxi fuq il-parir finali tal-bord. Il-Kunsill għandu wkoll imexxi fuq l-*expression of interest* għall-*palying field equipment*.

## 3. Francesco Masini

Tressqet korrispondenza mingħand Joseph Masini li ssuġġerixxa li ssir lapida żgħira mall-post fi Triq Repubblika fejn fl-1947 Francesco Masini waqqaf il-Partit Għawdxi. Dan fl-okkażjoni tal-50 anninversarju mill-mewt ta' Francesco Masini. Il-membri qablu ma dan.

## *4. 125th Anniverasry Souvenir*

Is-Sindku ssuġġerixxa li fl-okkożjoni tal-125 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titolu ta' Belt Victoria, il-Kunsill iqassam *souvenir* tal-okkażjoni f'kull dar. Il-membri qablu li tingħata *mug* li fuqha jkunu stampati l-arma tal-Kunsill u l-logo tal-125 sena Belt u għandu jitqabbad l-artist li żviluppa l-logo sabiex jagħmel id-disinn.

## 5. Offerti/Kwotazzjonijiet

<u>Offerta – Set-up of Free Wifi Areas across open spaces in Victoria</u>

Il-membri qalbu li l-offerta tingħata lil Jesmar Sciberras u għandha tintbgħatlu l-ittra ta' aċċettazzjoni.

<u>Offerta – Ġbir ta'Skart Goff</u>

Infetħu l-offerti, skond Dokument B. Il-membri qalbu li dan is-servizz jibda' jingħata minn Nicholas Żammit li xeħet l-orħos offerta.

Offerta – Supply, Installation, Testing and Commissioning of Mechanical and Electrical Services at the Playing Field in Main Gate Street.

Infetħet l-unika offerta li ntefgħet u dan skond Dokumnet Ċ anness. Din ser tintbagħat lil GaleaCurmi Engineering għal-evalwazzjoni.

Kwotazzjoni – Xiri u nstallazzjoni ta' *Air Conditioners* għall-uffiċini tal-Kunsill

Infetħu dawn il-kwotazzjonjiet u s-Seg. Eżekuttiv għandha tipprepara lista tad-dettalji mixħuta.

**6. Pjazza San Ġorġ**

Tressaq ir-rapport tal-Perit rigward l-offerat li ntefgħet biex issir il-funtana tal-bronż fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri unanimament qablu li dan ir-rapport jiġi adottat. Dan jinsab f'dokument D anness. Billi ġie deċiż li l-funtana ma ssirx minħabba l-ispiża eżorbitanti li din tinvolvi, il-membri qabli li minflok issir l-arma tar-Rabat bl-irħam. Għaldaqstant għandhom jiġu nfurmati b'dan il-Perit Edward Scerri u A.F.Ellis Marble Works li huwa l-kuntrattur li ssupplixxa l-granit ta' din il-pjazza. Dwar id-dawl tal-pjazza tressqet l-istima biex jinqala xi madum li miegħu irid jinbidel id-dawl li ħareġ difettuż. Din l-istima hi ta' Joe Grima li hu l-kuntrattur li għamel ix-xogħol ta' din il-pjazza u ġġib il-prezz ta' €233 ta' kull tubu li jrid jinqala'. Dawn l-ispejjes u l-ispejjes tal-*electrician* se jitħallsu mill-kuntrattur li ħa l-offerta tad-dawl.

**7. Żjara f'Turin**

Bejn il-15 u t-18 ta'Settembru 2012, il-Kunsill se jipparteċipa fil-Fiera di San Matteo f'Nichelino, Turin fejn minn Nichelino ġew assenjati 40 post għall-Kunsill tar-Rabat. Se jsir Exchange Programme peress li Nichelino hu ġemellat mal-Kunsill tar-Rabat. Il-Kunsill se jħallas l-ajru tal-kunsilliera, il-*crew* tas-CVC (Alvin Scicluna), il-parteċipanti li se jieħdu sehem fil-maratona li huma Rabtin u membri tal-Gozo Running Club, il-*players* tat-tim tal-volleyball mill-iskola Aguis De Soldanis, il-pittur Aursitn Camilleri u l-parteċipanti tal-fiera. Il-membri qablu wkoll li titella delegazzjoni miż-żewġ gruppi folk tas-soċjetatjiet tal-baned Rabtin. Ta dawn se titħallas biss rata minima fuq l-akkomodazzjoni. Il-bqija tal-akkomodazzjoni tkun imħallsa mill-fondi allokati mill-proġett tal-iskambju. Ma dan hemm abbinat ukoll il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża li l-Kunsill kien rebaħ fuq il-proġett tas-Serata di Gola.

**8. Delegazzjoni Goro**

Bejn l-4 u s-7 t'Ottubru 2012, se tiġi delegazzjoni minn Goro. Dan ukoll hu proġett ta' skambju mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill applika għal dawn il-fondi u ġew aċċettati. Il-ħsieb hu li jitkompla l-proċess ta'ġemellaġġ ma Goro.

**9. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 Transaport Malta (TM) fejn:-

9.1.1 ma nħariġx il-premess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Marie E. Żammit ta' 36, Triq Għajn Qatet;

9.1.2 intalab permess għall-parkeġġ riservat għal-persuni b'diżabilita' għal George Grech ta' 'Atona', Triq l-Assunta. Għandha timtela l-formola bħal kull applikazzjoni oħra;

9.1.3 intalab sabiex jerġgħu jitpoġġew ir-*road humps* fit-triq ta' bejn il-*playing field* u l-*bus terminus*. Il-membri qablu li dawn ma jerġgħux jitwaħħlu peress li ma kienux prattiċi;

9.1.4 inħareġ permess biex issir *keep clear* fl-entratura tal-isqaq fi Triq Sant. Ursola;

9.1.5 rigward il-kaxxa riservata għal *taxi* fil-viċinanzi taċ-Ċittadella, t-TM żiediet sitt postijiet għall-parkeġġ peress li r-rotta tal-*buses* tal-linja m'għadiex titla' fuq is-sur. Il-Kusill ma jaqbilx li ssir din it-*taxi stand* minħabba l-fatt li fi Pjazza Indipendenza hawn lok għall ħames pareġġi u s-sitt parkeġġi li żdiedu fuq is-sur kien hemm qabel ma bdiet is-sistema tal-*buses* tal-Arriva;

9.2 Maria E Żammit ta' 36, Triq Għajn Qatet li talbet għal 1.5m *keep clear* quddiem il-bieb tagħha sabiex tkun tista' toħroġ bil-*wheel chair*. Din it-talba ser tintbagħat lit-TM;

9.3 Bogi Auto Ltd. ta' Pjazza J. F. Kennedy, li talab għal *un/loading* quddiem il-ħanut. Din it-talba ser tintbagħat lit-TM;

9.4 Warren Grech li joqgħod fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Qed jissuġġerixxi li jsir *double yellow line* quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li ma jistax joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Din it-talba ser tinbagħat lit-TM;

9.5 il-Green Pak fejn intbagħat rapport li jkopri l-ġbir tal-iskart spearat għall-ewwel tlett xhur tas-sena 2012;

9.6 il-MEPA dawr PC 0035/11 – dwar *alignment* f'Ta'Karawendi/tal-Belliegħa, triq ġdida fi Triq l-Ewropa u Triq Ġroġ Pisani;

9.7 GaleaCurmi Engineering rigward stima ta' trinka biex issir bozza ġdida fi sqaq fi Triq għar Gerduf. It-trinka ser tiġi tiswa' €3,492.70. Billi l-ammont hu sostanzjali, il-membri qablu li jintalab biex din issir minn naħħa tal-Enemalta;

9.8 Guido Żammit mill-ETC fejn għarraf lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni fl-iskema xogħol fil-komunita' ta' Joseph Saliba, Gerald Debono u Dolores Sacco se ntiġi fi tmiema;

9.9 Frank Spiteri minn Gutenberg Press, fejn irringrazja lill-Kunsill talli għażel li jistampa l-ktieb – Victoria – A Portrait of a city, f'din l-istamperija;

9.10 Simone Grech, Segrtarja tal-Gozo Agricultural, Industrial and Cultural Society, fejn intalab il-permess sabiex jintuża l-grawnd Leli Farruġia għall-Wirja tal-biedja u Snajja 2012. Il-

membri qablu li jinħareġ il-permess sabiexi l-grawnd jintuża biss kif kien jintuaża fis-snin l-imgħoddija;

9.11 Fr. Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco fejn talab permess biex issir Car Free Day, il-Ħadd 16 ta' Settembru 2012. It-toroq affetwati se jkunu Pjazza Sant' Wistin, Triq Palma, u l-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika wara nofs in-nhar. Il-membri ma sabux oġġezjoni;

9.12 Carrie Grima li ssuġġeriet li meta tiġi restawratha n-niċċa ta' Santa Marija li tinsab mad-dar ta' missierha fi Triq Santa Marija, jitranġa wkoll il-gwarniċ u l-ħġieġa li hemm quddiem l-istatwa. Il-membri qablu ma dan;

9.13 Paul M Cassar rigward KLR 24/2000 meta tqajment il-kwistjonmi tal-ftuħ/egħluq ta' Triq Vajrinġa waqt li t-tfal ikun deħlin fl-iskola primarja. Il-Kunsill iħoss li din il-materaja hi magħluqa u s-Sur Cassar għandu jiġi mgħarraf b'dan;

9.14 Nicholas Ħaber u Matthew Azzopardi li talbu għajnuna sabiex itellgħu kunċert fil-Villa Rundle mill-*band* tagħhom. Dan mhux permess bil-liġi, għaldaqstant din it-talba għandha tiġi rifjutata;

9.15 Frank Ivan Caruana Catania, mid-Direttorat tal-Agrikultura rigward ir-rimi illegali li qed isir mad-dranġġ u li jiżbokka fl-i*spactions* ta' meġenb il-Wied tal-Lunzjata. Dan talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex jagħtieh aktar dettalji jew rapporti fuq persuni jew vetturi li allegatament qed jagħmlu dan l-abbuż. Il-membri qablu li s-Sur Caruana Catania jiġi mgħarraf sabiex isiru spezzjonijiet fl-irziezet tal-inħawi.

**10. Materji oħra**

10.1 Il-Kunsill tar-Rabat Għawdex se jingħata €5,000 f'għajuna finanzjaraja peress li ġie kwalifiakt għall-iskema EGOV4U.

Il-membri qablu li :-

10.2 jiġi rappurtat sabiex il-gwardjani lokali jissorveljaw l-*area* ta' Triq l-iskoal u Triq Alfons Maria Ħili. Dan minħabb al-fatt li s-sinjali tat-traffiku eżistenti mhumiex qed jiġu osservati;

10.3 jiġi mqabbad Francesco Pio Attard sabiex iħejji l-leaflet tal-Kunsill;

10.4 jintalab lit-TM sabiex fl-aħħar parti tal-parkeġġ fi Triq Sant' Ursola jiġi allokat post għall-parkeġġi tal-muturi. Dan fejn ma toqgħodx karozza;

10.5 jintalab lit-TM jekk huwiex possbili li jkun hemm parkeġġi riservati għar-residenti biss. Dan in ġenerali u mhux fuq xi triq jew *area* partikolari;

10.6 tintalab stima mingħand il-Perit sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm tiġi tiswa' jekk tingħata kisja fil-parti li hi mkissra fi Triq is-Sellum;

10.7 jinxtraw 10 kopji mill-kiteb tat-tfal fuq il-ħajja ta' San Ġorġ li ġei stampat mill-Knisja ta' San Ġorġ. Dan għall-prezz ta'€6 –il wieħed;

10.8 l-funtana tal-*fibre glass* li kienet saret mill-ewwel Kunsill u li ma ntużat qatt, titneħħa mill-garaxx. Fuq il-kotba tal-Kunsill din m'għandiex valur. Minflokha fil-garaxx ser jitpoġġew il-kotba li għadhom kif ġew stampati;

10.9 jinħareġ permess għall-*one day event* biex isir *car boot sale* mill-Friends of the Sick and Elderely fil-grawnd Leli Farruġia, il-Ħadd 30 ta' Settembru 2012;

10.10 jinstabu l-postijiet idejali fi Triq Repubblika sabiex isiru bankijiet ġodda hekk kif il-Gvern Ċentrali lesta l-proġett tal-bini mill-ġdid ta' din it-triq;

10.11 isir *water culvert* fl-isqaq ta' Triq l-Assunta. Dan minħabba li l-propjeta' ta' Louis Grech bdiet itmtela bl-ilma tax-xita minn meta l-Kunsill kien kesa dan l-isqaq.

10.12 Is-Sindku għarref lill-membri li nħarġet Measure 413.4, Quality of Life : Landscaping taħt ir-Rural Development Programme for Malta, 2007/2013 LEADER. Il-mermbri qablu li l-Kunsill japplika fuq proġett f'Wied il-Lunzjata.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lil-membri tal-Kunsill li:-

10.13 nġabru l-fondi (€4,334) mill-iskema dwar Aċċissibilita' Aħjar fil-Lokalita'. Dawn intużaw sabiex saret rampa quddiem il-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini;

10.14 li l-*playing field equipment* antik li nqala' mill-*playing field* m'għadx baqalu valur fil-kotba tal-Kunsill. Għaldaqstant il-membri qablu li dan jitneħħa mill-garaxx tal-Kunsill. Għandhom jintrefgħu biss it-tapiti li jintużaw taħt l-*equipment*. Dan minħabba li għadhom f'kundizzjoni tajba.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 4 ta' Settembru 2012 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |